Tradutturi/Interpreti legali

Romania

Din il-paġna tgħinek issib traduttur u interpretu legali fir-Rumanija.

Kif issib traduttur jew interpretu ġuridiku fir-Rumanija

Il-baži tad-dejta ta' tradutturi u interpreti awtorizzati Rumeni hija miżmuma u mantnuta mill-**Ministeru tal-Ġustizzja Rumen**. Hija tinkludi informazzjoni dwar tradutturi u interpreti awtorizzati mill-Ministeru tal-Ġustizzja Rumen.

Dawn il-persuni awtorizzati jipprovdu servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni fuq rikjesta:

għall-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura

għall-Ministeru tal-Ġustizzja

għall-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja

għas-Servizz tal-Prosekuzzjoni Pubblika

għad-Direttorat Nazzjonali ta' Kontra l-Korruzzjoni

għall-awtoritajiet tal-investigazzjoni kriminali

għall-qrati

għan-nutara pubbliċi

għall-avukati u

għall-uffiċjali ġudizzjarji.

Il-Liġi Nru 178/1997 tirregola l-awtorizzazzjoni u l-pagament tal-interpreti u t-tradutturi li jipprovdu servizzi lill-awtoritajiet tal-investigazzjoni kriminali, il-qrati, in-nutara pubbliċi, l-avukati, il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-istituzzjonijiet oħrajn imsemmija hawn fuq.

Il-baži tad-dejta tat-tradutturi tinkludi informazzjoni mill-2002 'il quddiem.

L-aċċess għall-baži tad-dejta tat-tradutturi Rumeni hija bla ħlas?

L-informazzjoni li ġejja hija disponibbli għall-pubbliku **bla ħlas**:

isem tat-traduttur jew interpretu awtorizzat,

lingwa/i li għalihom it-traduttur jew l-interpretu huwa awtorizzat,

numru ta' awtorizzazzjoni,

numru tat-telefon.

Il-baži tad-dejta tinkludi wkoll l-informazzjoni li ġejja li mhix disponibbli pubblikament:

numru tal-identità personali,

indirizz postali.

Kif issib traduttur awtorizzat fir-Rumanija

Wieħed jista' jfittex il-baži tad-dejta billi jintużaw il-kriterji li ġejjin:

l-**isem** tat-traduttur jew interpretu awtorizzat,

l-isem tal-**qorti tal-appell** rilevanti (kull qorti tal-appell iġorr l-isem tal-muniċipalità fej jinsab. Peress li hemm 15-il qorti tal-appell fir-Rumanija, kull waħda b'kompetenza ġuridika territorjali rigward kawżi ġudizzjarji li jikkorrispondu ma' żoni amministrattivi nazzjonali speċifiċi, dan il-kriterju ta' tiftix fil-prattika jista' jintuża biex jiġu identifikati t-tradutturi kollha ġewwa ż-żoni ġeografiċi u amministrattivi li jikkorrispondu mal-kompetenza ġuridika territorjali ta' qorti speċifika);

il-pari ta' lingwi (jekk lingwa barranija hija murija, il-kontroparti ta' dik murija tkun il-lingwa Rumena);

in-**numru ta' awtorizzazzjoni**;

id-**data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni** (din it-tfittxija tista' tiġi mwettqa billi jiġi ttajpjat "Ordin" ("ordni" bil-Malti) - strument ġuridiku maħruġ mill-Ministeru tal-Ġustizzja biex tiġi sospiża jew revokata l-awtorizzazzjoni tat-traduttur).

L-aħħar aġġornament: 22/10/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.